**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Belgische Staat

*Konvenuti:* Comm. V.A. Wereldhave Belgium, NV Wereldhave International, NV Wereldhave.

**Domandi preliminari**

1) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali [parent] u sussidjarji ta' Stati Membri differenti ([1]), għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li ma tirrinunzjax għall-withholding tax Belġjana fuq dividendi mħallsa minn sussidjarja Belġjana lil kumpannija parent stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' sehem minimu u taż-żamma tiegħu, fuq il-bażi li l-kumpannija parent Olandiża hija impriża ta' investiment kollettiv ta' natura fiskali li hija marbuta li tħallas il-profitti kollha tagħha lill-azzjonisti tagħha u, taħt din il-kundizzjoni, tista' tibbenefika mir-rata żero tat-taxxa fuq il-kumpanniji?

2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun negattiva, l-Artikoli 49 (ex Artikolu 43) u 63 (ex Artikolu 56) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (fil-verżjoni fis-seħħ sa mill-emenda u r-renumerazzjoni mit-Trattat ta' Lisbona) għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li ma tirrinunzjax għall-withholding tax Belġjana fuq id-dividendi mħallsa minn sussidjarja Belġjana lil kumpannija parent stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' sehem minimu u taż-żamma tiegħu, fuq il-bażi li l-kumpannija parent Olandiża hija impriża ta' investiment kollettiv ta' natura fiskali li hija marbuta li tħallas il-profitti kollha tagħha lill-azzjonisti tagħha u, taħt din il-kundizzjoni, tista' tibbenefika mir-rata żero tat-taxxa fuq il-kumpanniji?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fl-24 ta' Awwissu 2015 – proċeduri kriminali kontra A, B**

**(Kawża C-453/15)**

(2015/C 363/30)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

A, B

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li kwota ta' emissjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([2]), li tagħti d-dritt ta' emissjoni ta' tunnellata metrika tal-ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju matul perijodu ta' żmien speċifikat, tikkostitwixxi "dritt simili" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni?

([1]) ĠU L 347, p. 1.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631.